

Brussell, 9 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6874/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0016 (NLE)

SCH-EVAL 54
SIRIS 19
COMIX 110

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) / Kunsill
Nru. dok. preċ.:	5663/18 R-UE; 6872/18 R-UE; 6873/18 R-UE
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal- Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas- Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni wettqu evalwazzjoni tal-applikazzjoni mill-Iżvezja tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fl-2017.

2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Iżvezja tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

3. Fid-9 ta' Marzu 2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 6873/18 R-UE, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat li jmiss.
-